



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

13940/23
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0191(COD)

EF 297
ECOFIN 982
ENV 1096
SUSTDEV 126
CODEC 1800

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-Bonds Ekoloġiċi Ewropej u d-divulgazzjonijiet fakultattivi għall-bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli u għall-bonds marbuta mas-sostenibbiltà (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv = Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni mill-Kunsill

Minħabba l-ħtieġa li jiġi evitat il-greenwashing fis-suq tal-bonds, sabiex jiġi evitat l-arbitraġġ fost kategoriji differenti ta' titoli mingħajr ekwità, u fin-nuqqas ta' reġim ta' divulgazzjoni armonizzat għal bonds, derivattivi, u titoli oħra mingħajr ekwità li jiġu rreklamati bħala li jqisu l-fatturi ESG jew li jsegwu l-oġġettivi ESG, il-Kunsill jafferma l-intenzjoni tiegħu li jeżamina bir-reqqa l-proposta tal-Kummissjoni għal rekwiżit li tiġi pprovduta informazzjoni dwar kwistjonijiet ESG fil-Prospett għal titoli mingħajr ekwità fil-kuntest tan-negozjati dwar l-Att dwar il-Kwotazzjoni fil-Borża.